**MT**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.10.2009
KUMM(2009)577 finali

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li timplimenta l-Ftehim Kwadru għall-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa li ġie konkluż mill-HOSPEEM u l-EPSU**

**(test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Raġunijiet għal u objettivi ta' din il-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa li jagħti sostenn legali lill-Ftehim Kwadru għall-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa, li ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 2009 mill-HOSPEEM (Assoċjazzjoni għall-Impjegati Ewropej fl-Isptarijiet u fil-Kura tas-Saħħa) u mill-EPSU (Federazzjoni Ewropea għall-Unjins tas-Servizz Pubbliku). Dawn iż-żewġ korpi ġew rikonoxxuti bħala msieħba soċjali Ewropej fis-settur tal-isptarijiet u tal-kura tas-saħħa mill-Kummissjoni fl-2006 skont l-Artikolu 138 tat-Trattat KE.

Il-Ftehim Kwadru (minn issa 'l quddiem magħruf bħala "il-Ftehim") jaħseb biex jipproteġi l-ħaddiema li jinsabu f'riskju ta' korrimenti kkawżati minn kull strument mediku "li jaqta'" (inklużi labar) u biex jipprevjeni kontra r-riskju ta' korrimenti u infezzjonijiet ikkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu. Huwa jagħti approċċ integrat għall-evalwazzjoni tar-riskju, il-prevenzjoni kontra r-riskji, it-taħriġ, l-informazzjoni, iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-monitoraġġ u għar-rispons u għall-proċeduri ta' segwitu. Il-Ftehim u din il-proposta għandhom jikkontribwixxu lejn ambjent tax-xogħol li jkun l-aktar sikur fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa.

### 1.2. Kuntest ġenerali

Korrimenti kkważati minn labar u minn strumenti oħra li jaqtgħu huma wieħed mill-iżjed riskji komuni u serji għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa fl-Ewropa u jirrappreżentaw infiq għoli fis-sistemi tas-saħħa u fis-soċjetà in ġenerali.

Huwa fatt magħruf li l-ħaddiema li jaħdmu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa (infermiera, tobba, kirurgi, eċċ.), b'mod speċjali f'ċerti dipartimenti u li jwettqu ċertu xogħol (emerġenza, kura intensiva, operazzjonijiet kirurġiċi, eċċ.), ta' spiss jirriskjaw li taqbadhom xi infezzjoni kkawżata minn labar u minn strumenti oħra li jaqtgħu (skalpelli, materjal ta' sutura, eċċ.). Il-konsegwenzi jistgħu jkunu serji ħafna, u jistgħu jwasslu għal mard serju bħal epatite virali jew AIDS.

Xi studji jistmaw li n-numru ta' korrimenti kkawżati minn labar li jaqtgħu jitla' sa madwar 1 200 000 kull sena fl-Ewropa.

Fl-istrateġija tal-Komunità għas-snin bejn 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol[1], il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tkompli għaddejja bix-xogħol tagħha, permezz ta' konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali Ewropej kif stabbilit fl-Artikolu 139 tat-Trattat KE, dwar kif għandha titjieb il-prevenzjoni kontra r-riskji fir-rigward ta' infezzjonijiet minn labar, fost l-oħrajn.

---

1 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat għar-Reġjuni "Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (COM(2007) 62 finali, 21 ta' Frar 2007), punt 4.3.

F'diversi okkażjonijiet, il-Parlament Ewropew wera t-tħassib tiegħu dwar ir-riskji għall-ħajja tal-bniedem li jridu jaffrontaw dawk li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa minn labar kontaminati.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-promozzjoni, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[2], il-Parlament talab li ssir reviżjoni tad-Direttiva 2000/54/KE speċifikament biex ikun indirizzat ir-riskju ta' xogħol b'labar u bi stumenti li jaqtgħu.

Fis-6 ta' Lulju 2006 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni[3] dwar il-ħarsien ta' persuni Ewropej li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa kontra infezzjonijiet fid-demm minħabba korrimenti kkawżati mil-labar. Ir-riżoluzzjoni talbet lill-Kummissjoni tagħti proposta leġiżlattiva skont l-Artikoli 137 u 251 tat-Trattat tal-KE għal direttiva li temenda d-Direttiva 2000/54/KE[4] dwar aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.

Skont l-Artikolu 138(1) tat-Trattat tal-KE, il-Kummissjoni għandha tippromwovi l-konsultazzjoni bejn min imexxi u l-ħaddiema fuq livell Komunitarju u għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex id-djalogu bejniethom jiġi faċilitat billi jiġi żgurat appoġġ bilanċjat lill-partijiet. Għalhekk, qabel isiru proposti fis-settur tal-politika soċjali, il-Kummissjoni għandha tikkkonsulta kemm ma' min imexxi kif ukoll mal-ħaddiema (jiġifieri l-imsieħba soċjali Ewropej) dwar id-direzzjoni li l-UE tista' tieħu u l-kontenut ta' din il-proposta li tista' ssir. Barra minn hekk, l-Artikolu 138(4) tat-Trattat tal-KE jistabbilixxi li min imexxi kif ukoll il-ħaddiema jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar ix-xewqa tagħhom li jibdew il-proċess stabbilit fl-Artikolu 139 tat-Trattat tal-KE, jiġifieri djalogi bejniethom fuq livell Komunitarju, li jista' jwassal għal relazzjonijiet kuntrattwali, li jistgħu jinkludu wkoll ftehim.

Fil-21 ta' Diċembru 2006 il-Kummissjoni varat l-ewwel stadju ta' konsultazzjoni bejn l-imsieħba soċjali Ewropej. It-tieni stadju kien varat fl-20 ta' Diċembru 2007.

Id-dokumenti ta' konsultazzjoni jistabbilixxu li l-imsieħba soċjali Ewropej għandhom: (1) jagħtu opinjoni dwar l-għanijiet u l-kontenut tal-inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li qed jiġu proposti; (2) jinnotifikaw lilll-Kummissjoni jekk qed jaħsbu li jibdew in-negozjati, skont l-Artikolu 138(4) u l-Artikolu 139 tat-Trattat tal-KE.

Permezz ta' ittra konġunta tas-17 ta' Novembru 2008, l-EPSU u l-HOSPEEM infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jinnegozjaw Ftehim Kwadru dwar il-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa.

Billi l-Kummissjoni tirrikonoxxi b'mod sħiħ l-awtonomija fin-negozjar tal-imsieħba soċjali Ewropej dwar temi li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha, it-tħejjija tal-proposta leġiżlattiva għal direttiva li temenda d-Direttiva 2000/54/KE dwar aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol ġiet sospiża għax qed tistenna r-riżultat li se joħroġ min-negozjati bejn l-imsieħba soċjali.

---

[2] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2004/2205(INI)), ĠU C 304 E, 1.12.2005, p. 400.

[3] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2006 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ħarsien ta' dawk li jaħdmu fis-settur tas-saħħa kontra infezzjonijiet fid-demm minħabba korrimenti kkawżati minn labar (2006/2015(INI)), ĠU C 303 E, 13.12.2006, p. 754.

[4] Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.

Fit-2 ta' Ġunju 2009, l-imsieħba soċjali Ewropej qablu dwar il-Ftehim.

Fis-17 ta' Lulju 2009, l-EPSU u l-HOSPEEM iffirmaw il-Ftehim u infurmaw lill-Kummissjoni dwar it-talba tagħhom li jagħtu l-Ftehim lill-Kunsill għal deċiżjoni tal-Kunsill, skont l-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE.

## 1.3. Dispożizzjonijiet eżistenti dwar oqsma relatati mal-proposta

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu titjib fis-settur tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol[5] tistabbilixxi miżuri preventivi ġenerali biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Hija tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, evalwazzjoni tar-riskju u l-informazzjoni, it-taħriġ u l-konsulenza li għandhom jingħataw lill-ħaddiema. B'mod speċjali, l-Artikolu 6 tad-Direttiva jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali dwar il-prevenzjoni, jiġifieri 'kif jiġu evitati r-riskji', 'kif jiġu mnaqqsin ir-riskji mill-istess sorsi' u 'sostituzzjoni ta' dak li hu perikoluż ma' dak li mhux perikoluż'. Flimkien mad-Direttiva 89/391/KEE, uħud mid-direttivi individwali tagħha jittrattaw ukoll il-prevenzjoni kontra r-riskji ta' infezzjoni fost il-ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa:

(a) Id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol (is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[6] li tinkludi dispożizzjonijiet maħsuba għall-prevenzjoni kontra dawn ir-riskji u tistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi minimi f'dan il-qasam. Hija tistabbilixxi l-obbligi ta' min iħaddem dwar il-prevenzjoni kontra r-riskji. B'mod speċjali, għal kull attività li tista' twassal għal riskju ta' espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi, in-natura, l-ammont u t-tul ta' żmien ta' espożizzjoni li jkollhom il-ħaddiema għandhom jiġu determinati biex issir evalwazzjoni ta' kull riskju kontra s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u biex jiġu determinati l-miżuri li għandhom jittieħdu.

(b) L-għan tad-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[7] (kif emendata mid-Direttivi 95/63/KE[8] u 2001/45/KE[9]) huwa li jtejjeb is-sigurtà għal ħaddiema li jagħmlu użu minn tagħmir tax-xogħol, bħal tagħmir mediku li jintuża fl-isptarijiet. Il-ħaddiema għandhom jagħżlu tagħmir ta' xogħol skont kif stabbilit fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-riskji għall-ħaddiema sabiex dawn ir-riskji jiġu eliminati jew minimizzati.

---

5 ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

6 ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.

7 ĠU L 393, 30.12.1989, p. 13.

8 Id-Direttiva tal-Kunsill 95/63/KE tal-5 ta' Diċembru 1995 li temenda d-Direttiva 89/655/KEE dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u saħħa għall-użu ta' tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 335, 30.12.1995, p. 28.

9 Id-Direttiva 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE li tirrigwarda l-ħtiġiet minimi tas-sigurtà u tas-saħħa għall-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tieni Direttiva individwali fit-tifsira tal Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 195, 19.7.2001, p. 46.

(c) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol (it-tielet Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)[10] li tistabbilixxi li l-użu ta' tagħmir għall-ħarsien personali għandu jintuża fejn ir-riskji ma jistgħux jiġu evitati jew jiġu limitati biżżejjed b'mezzi tekniċi għall-ħarsien ta' gruppi ta' persuni jew b'metodi jew proċeduri ta' organizzazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Kull tagħmir għall-ħarsien personali għandu jkun addattat għar-riskji involuti, mingħajr ma huwa stess iwassal għal żieda fir-riskji. It-tagħmir għandu jkun skont il-kundizzjonijiet prevalenti fuq il-post tax-xogħol u għandu jiġi addattat għall-persuna li tkun qed tużah.

Huwa importanti li wieħed jinnota li l-Anness I, Taqsima II, tad-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar il-mezzi mediċi[11] jistipula li 'Il-mezz u l-proċessi ta' fabbrikazzjoni għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li jeliminaw jew li jnaqqsu kemm jista' jkun possibbli r-riskju ta' infezzjoni għall-pazjent, għall-utent u għall-partijiet terzi. Id-disinn għandu jippermetti mmaneġġjar faċli u, fejn ikun neċessarju, inaqqas il-kontaminazzjoni tal-mezz mill-pazjent jew viċi-versa waqt l-użu' (punt 8.1). Kull tagħmir li jkun fis-suq għandu jingħatalu wkoll it-trejdmark tal-KE, li jattesta li huwa konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' dik id-Direttiva.

## 1.4. Konsistenza ma' politiki u objettivi oħra tal-Unjoni

L-għan ta' din il-proposta huwa konsistenti ma' politiki u objettivi tal-UE.

Il-promozzjoni ta' ambjent ta' xogħol li jkun sikur u li jħares is-saħħa personali, u għalhekk il-fatt li jiġu mnaqqsin l-ispejjeż marbuta mal-problemi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri ġenerali tal-Istrateġija ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi, jiġifieri t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.

Barra minn hekk, l-Aġenda Soċjali Riveduta 'Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-Seklu 21'[12] tisħaq li dawk li jaħdmu fis-settur tas-saħħa fl-UE huma komponent vitali biex jingħataw servizzi ta' saħħa ta' kwalità għolja.

L-azzjoni li qed tiġi kkunsidrata taqbel mal-politika tas-saħħa pubblika tal-UE. Il-White Paper 'Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013'[13] tinsisti dwar il-fatt li s-sigurtà tal-pazjent hija punt importanti ta' tħassib. Kull miżura biex tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fis-settur tal-kura tas-saħħa għandha tikkontribwixxi għall-kwalità tas-servizzi li jingħataw lill-pazjenti u għandha tnaqqas il-possibbiltà li l-pazjenti jesperjenzaw effetti negattivi mill-kura tas-saħħa li tingħatalhom.

---

10 ĠU L 393, 30.12.1989, p. 18.

11 ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1.

12 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni 'Aġenda Soċjali Riveduta: Opportunitajiet, aċċess u solidarjetà fl-Ewropa tas-Seklu 21' (COM(2008) 412 finali tat-2 ta' Lulju 2008), p. 12.

13 COM(2007) 630 finali tat-23 ta' Ottubru 2007, pp. 8–9.

## 2. KONSULTAZZJONI MA' PARTIJIET INTERESSATI U STIMA TAL-IMPATT

### 2.1. Konsultazzjoni

Wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2006 li talbet lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva skont l-Artikoli 137 u 251 tat-Trattat tal-KE għal direttiva li temenda d-Direttiva 2000/54/KE dwar aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, il-Kummissjoni varat konsultazzjoni fuq żewġ stadji tal-imsieħba soċjali Ewropej skont l-Artikolu 138 tat-Trattat KE[14].

L-ewwel stadju tal-proċess ta' konsultazzjoni ġie varat fil-21 ta' Diċembru 2006 dwar id-direzzjoni li tista' tieħu l-Komunità biex issaħħaħ fl-Ewropa l-ħarsien tal-persuni li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa kontra infezzjonijiet mid-demm minħabba korrimenti minn tagħmir li jaqta'. L-imsieħba soċjali ġew mitluba wkoll jekk jikkunsidrawx inizjattiva volontarja konġunta skont l-Artikolu 139 tat-Trattat tal-KE.

Fl-20 ta' Diċembru 2007, it-tieni stadju tal-proċess ta' konsultazzjoni kien varat skont is-sustanza tal-azzjoni Komunitarja prevista.

B'mod ġenerali, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema kkunsidraw li filwaqt li l-leġiżlazzjoni eżistenti kopriet ir-riskji f'termini ġenerali, leġiżlazzjoni aktar speċifika għandha tinforza l-ħarsien tal-ħaddiema, u għalhekk kienu favur inizjattiva tal-Komunità fil-forma ta' leġiżlazzjoni.

Madankollu, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, ikkunsidraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti diġà offriet ħarsien addattat u opponew unanimament kull inizjattiva tal-Komunità fil-forma ta' leġiżlazzjoni.

Fir-rigward ta' negozjar possibli għal ftehim bejn l-imsieħba soċjali Ewropej skont l-Artikolu 139 tat-Trattat tal-KE, ħafna mill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema ma eskludewx il-possibbiltà li jinnegozjaw ftehim settorjali (b'mod speċjali fis-settur tal-isptarijiet). Barra mill-konsultazzjoni, l-EPSU u l-HOSPEEM, li huma l-organizzazzjonijiet ewlenin li jirrappreżentaw lil min iħaddem u lill-ħaddiema, infurmaw lill-Kummissjoni li huma jistgħu jikkunsidraw il-possibbiltà li jibdew negozjati dwar din it-tema bil-possibbiltà li jintlaħaq ftehim.

### 2.2. Ġbir u użu ta' kompetenza

Kompetenza esterna dwar il-problema ta' korrimenti kkważati minn labar fl-UE u l-impatt li aktarx ikun hemm ta' politiki possibli ngħatat permezz ta' studju li sar minn konsulent estern magħżul mill-Kummissjoni wara li saret sejħa għal offerti. L-għan ta' dan l-istudju kien li ssir analiżi fil-fond tal-impatt soċjoekonomiku, fuq is-saħħa u ambjentali minn inizjattiva li tista' tieħu l-Komunità dwar il-ħarsien ta' persuni fl-UE li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa kontra infezzjonijiet tad-demm minħabba korrimenti kkważati minn labar u minn oġġetti u strumenti oħra li jaqtgħu.

---

[14] http://KE.europa.eu/social/keyDocuments.jsp?type=50&policyArea=0&subCategory=0&country=0&year=2006&advSearchKey=&mode=advancedSubmit&langId=en u http://KE.europa.eu/social/keyDocuments.jsp?pager.offset=10&langId=en&mode=advancedSubmit&policyArea=0&subCategory=0&year=2007&country=0&type=50.

Fis-7 ta' Frar 2008, l-imsieħba soċjali Ewropej tellgħu seminar tekniku ma' studenti, persuni li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa u min iħaddem (professuri, kirurgi, tobba u infermiera), li ppreżentaw firxa wiesgħa ta' studji ta' każijiet u statistiċi. Is-seminar ta opportunità għall-iskambju ta' pariri prattiċi siewja u informazzjoni dwar korrimenti fis-settur tal-kura tas-saħħa. Is-seminar indirizza t-tipi ta' espożizzjonijiet differenti (fuq il-ġilda, tal-mukuż u ġilda mhux intatta) u l-infezzjonijiet relatati max-xogħol (batteriċi, virali, tal-protozoan, fungali u li jikkawżaw tumur). Huwa rreveda wkoll il-kawżi kollha tal-korrimenti (siringi, tipi ta' oġġetti b'ċappetti, lanzetti u kateters) u l-prevalenza ta' kull waħda minnhom. Dan jikkonferma b'mod ċar li r-riskji fuq ix-xogħol li jiġu kkunsidrati fis-settur tal-isptarijiet għandu jkopri kull tip ta' korrimenti kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu, li jinkludu labar. L-imsieħba soċjali Ewropej infurmaw kif xieraq lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħhom li jvaraw in-negozjati.

### 2.3. Stima tal-impatt

Il-Kummissjoni ma ħejjietx stima speċifika tal-impatt fuq din il-proposta, għax mhux mitluba tagħmel dan meta tipproponi li tinforza legalment ftehim bejn l-imsieħba soċjali skont l-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE.

## 3. ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1. Bażi legali

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE.

L-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE jistabbilixxi li ftehim konkluż mill-imsieħba soċjali Ewropej fuq livell Komunitarju f'oqsma koperti mill-Artikolu 137 tat-Trattat tal-KE għandu jiġi implimentat 'meta ssir talba konġunta mill-partijiet li jkunu ffirmaw il-ftehim, minn deċiżjoni tal-Kunsill dwar proposta mill-Kummissjoni'. L-artikolu jkompli jgħid li 'Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, ħlief meta l-ftehim in kwistjoni jkun fih disposizzjoni waħda jew aktar konnessi ma' wieħed mill-oqsma li għalihom hija meħtieġa l-unanimità skont l-Artikolu 137(2). F'dak il-każ, għandu jaġixxi b'mod unanimu.'

L-għan tal-ftehim li ntlaħaq bejn il-HOSPEEM u l-EPSU huwa biex jintlaħaq l-aktar ambjent sikur li jista' jkun hemm biex jipprevjeni l-korrimenti fuq il-ħaddiema kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu (inklużi labar) u biex jipproteġi dawk il-ħaddiema li jinsabu f'riskju. Għalhekk, huwa jaħseb biex ikun hemm 'titjib b'mod speċjali tal-ambjent tax-xogħol biex ikunu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema', settur deċiż fl-Artikolu 137 tat-Trattat tal-KE, fejn il-Kunsill jista' jiddeċiedi b'maġġoranza kwalifikata. L-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE huwa għalhekk il-bażi legali addattata għall-proposta tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE ma jinkludix l-involviment tal-Parlament fil-proċedura leġiżlattiva. Madankollu, skont l-impenn milħuq qabel, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament dwar il-proposti tagħha sabiex, fejn tixtieq, hija tkun tista' tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill. L-istess japplika fil-każ tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

## 3.2. Analiżi tal-Ftehim

Skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni[15] li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tal-ftehim skont l-Artikolu 139 tat-Trattat tal-KE, 'il-Kummissjoni għandha tħejji proposti għal deċiżjonijiet lill-Kunsill wara li tikkunsidra l-istat ta' rappreżentanza tal-partijiet li qed jiffirmaw il-ftehim, il-mandat tagħhom u kemm kull klawżola fil-ftehim kollettiv hija "legali" skont il-liġi tal-Komunità, u d-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif stabbilit fl-Artikolu [137(2)(b) tat-Trattat tal-KE].' Din l-evalwazzjoni *ex-ante* qed tiġi spjegata aktar 'l isfel.

### *3.2.1. Ir-rappreżentanza tal-partijiet li qed jiffirmaw il-ftehim u l-mandat tagħhom*

Il-jedd tal-imsieħba soċjali Ewropej li jiġu kkonsultati u li jinnegozjaw ftehim jiddependi fuq ir-rappreżentanza tagħhom. Wieħed mill-kriterji li jiddefinixxi dak il-jedd fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE tal-20 ta' Mejju 1998 dwar l-istabbiliment ta' Kumitati ta' Djalogu Settorjali biex iġibu 'l quddiem id-djalogu bejn l-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew[16] jgħid li huma 'ikunu organizzazzjonijiet li minnhom infushom jagħmlu parti integrali u rikonoxxuta mill-istrutturi tal-imsieħba soċjali ta' Stati Membri u jkollhom il-ħila li jinnegozjaw ftehim, u li jkunu rappreżentanti ta' għadd ta' Stati Membri.'

#### *3.2.1.1 Ir-rappreżentanza tal-EPSU u l-HOSPEEM fl-oqsma pubbliċi u privati tal-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa*

Fl-2008 il-Kummissjoni varat studju (ippubblikat fid-29 ta' Mejju 2009) dwar ir-rappreżentanza tal-imsieħba soċjali tal-UE fis-settur tal-isptarijiet[17]. Hija tgħid li 'l-maġġoranza kbira tal-impjegati ta' dan is-settur jaħdmu fi sptarijiet pubbliċi'. Madankollu, il-HOSPEEM u l-EPSU jirrappreżentaw iż-żewġ partijiet fis-settur tal-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa. Tabilħaqq, meta l-kumitat għal djalogu soċjali fl-isptarijiet kien qed jiġi mwaqqaf fl-2006, il-Kummissjoni żgurat li l-parti privata tas-settur kienet irrappreżentata wkoll min-naħa ta' min iħaddem permezz ta' ffirmar ta' ftehim ta' koperazzjoni bejn il-HOSPEEM u l-HOPE *(Federazzjoni Ewropea għall-Isptarijiet u għas-Settur tal-Kura tas-Saħħa).* Il-HOPE tirrappreżenta l-assoċjazzjonijiet tal-isptarijiet pubbliċi u privati u s-sidien tal-isptarijiet, u tinkludi federazzjonijiet ta' awtoritajiet lokali u reġjonali u servizzi nazzjonali tas-saħħa b'10 affiljazzjonijiet f'seba' pajjiżi. Permezz ta' dan il-ftehim ta' kooperazzjoni, il-HOPE tat mandat speċifiku lill-HOSPEEM fl-attivitajiet ta' djalogu soċjali Ewropew.

Min-naħa tal-ħaddiema, l-EPSU tkopri l-Istati Membri kollha u s-sħubija fiha hija miftuħa għat-trejdunjins kollha, kemm jekk joperaw fis-settur privat, dak pubbliku jew dak li ma jagħmilx profitt. Ħafna unjins affiljati mal-EPSU jorganizzaw il-ħaddiema fis-settur kollu tal-kura tas-saħħa: dawn jistgħu jkunu unjins għas-servizzi ġenerali (bħal Unison, Ver.di u Abvakabo FNV) jew unjins ta' kura tas-saħħa ġenerali/tas-servizzi soċjali (bħal CGT Santé-Sociaux u EDDSZ). L-EPSU tinkludi wkoll numru kbir ta' unjins professjonali (bħal DNO, RCM u Marburger Bund) fost il-membri tagħha. Dawn l-unjins kollha jorganizzaw persuni li jaħdmu kemm fis-settur privat kif ukoll dak pubbliku fis-settur tal-kura tas-saħħa. F'pajjiżi fejn persuni li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa fis-settur pubbliku u fis-settur privat jaqgħu taħt trejdunjins differenti, l-EPSU ġeneralment tirrappreżenta kemm l-unjins tas-settur

---

15 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-politika soċjali (COM(93) 600 finali tal-14 ta' Diċembru 1993).

16 ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.

17 http://www.eurofound.europa.eu/docs/eiro/tn0802017s/tn0802017s.pdf.

pubbliku kif ukoll dawk tas-settur privat (eż. fil-Belġju u l-Awstrija). Fl-aħħar nett, l-EPSU tinkludi wkoll organizzazzjonijiet li jaħdmu biss fis-settur privat.

*3.2.1.2 Ir-rappreżentanza tal-HOSPEEM u l-EPSU fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa*

Meta twaqqaf il-kumitat għad-djalogu soċjali Ewropew fl-2006, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni tar-rappreżentanza tal-EPSU u l-HOSPEEM, li tindika b'mod ċar li huma kienu jirrappreżentaw sptarijiet privati, pubbliċi u dawk li ma jagħmlux profitt u assoċjazzjonijiet ta' sptarijiet, li jiffurmaw parti integrali tas-servizz tal-kura tas-saħħa u jipprovdu servizzi bħal akkomodazzjoni, ikliet, kura ta' infermiera, trattamenti mediċi u rijabilitazzjoni tal-pazjenti, filwaqt li t-terapija medika tingħata minn tobba professjonisti. In-nomini ta' ħafna mill-membri nazzjonali affiljati magħhom turi wkoll li l-imsieħba soċjali Ewropej jirrappreżentaw ukoll is-settur tal-kura tas-saħħa. Fl-aħħar nett, l-istudju dwar ir-rappreżentanza wera b'mod ċar id-dimensjonijiet multisettorjali tal-HOSPEEM u l-EPSU (fejn il-HOSPEEM ħarġet mis-CEEP, u hija rikonoxxuta bħala msieħba soċjali Ewropea fis-settur industrijali filwaqt li tirrappreżenta l-ħaddiema fis-settur pubbliku).

Kemm l-EPSU kif ukoll il-HOSPEEM ikopru pajjiżi li mhumiex fl-UE.

L-EPSU tkopri s-27 Stati Membri kollha. L-EPSU tiġbor flimkien l-ikbar trejdunjins nazzjonali fis-settur u tirrappreżenta l-maġġoranza tal-ħaddiema li qiegħdin f'unjin. L-affiljati nazzjonali kollha tal-EPSU huma involuti f'negozjar jew '*quasi*-negozjar, jiġifieri negozjati jew konsultazzjoni *de facto*.

Il-HOSPEEM (li tinkludi l-HOPE) tkopri total ta' 16-il Stat Membru (AT, BE CZ. DE, DK, EE, FR, IE, IT, LU, LV, NL, PL, SE, SK u UK) (ma teżistix assoċjazzjoni tal-ħaddiema f'sitta mill-11-il Stat Membru li mhijiex koperta). Skont dan l-istudju, il-HOSPEEM tkopri ħafna aktar pajjiżi minn kull assoċjazzjoni Ewropea oħra.

*3.2.1.3 Attivitajiet koperti mill-imsieħba soċjali Ewropej*

Skont l-informazzjoni mogħtija mill-EPSU u l-HOSPEEM, l-imsieħba soċjali Ewropej ikopru attivitajiet inklużi fil-Q86 sa Q88 (kodiċi NACE), li jinkludu *Attivitajiet għas-saħħa tal-bniedem. Attivitajiet fl-isptarijiet, Attivitajiet fil-prattika medika u tas-snien, Attivitajiet ta' prattika ta' mediċina ġenerali, Attivitajiet ta' prattika ta' mediċina speċjalizzata, Attivitajiet ta' kura residenzjali, Attivitajiet ta' kura residenzjali minn infermiera, Attivitajiet ta' kura residenzjali għal persuni ritardati mentalment, għas-saħħa mentali u għal min jabbuża minn sustanzi li jagħmlu ħsara lill-individwi, Attivitajiet oħra ta' kura residenzjali, Attivitajiet ta' ħidma soċjali li ma jinkludux akkomodazzjoni għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, Attivitajiet oħra ta' ħidma soċjali li ma jinkludux akkomodazzjoni, Attivitajiet ta' kura tat-tfal matul il-jum, Attivitajiet oħra ta' ħidma soċjali li ma jinkludux akkomodazzjoni.*

*3.2.1.4 Il-Kapaċità ta' negozjar*

Wieħed mill-kriterji għar-rappreżentanza fuq livell Ewropew huwa l-kapaċità li l-imsieħba soċjali Ewropej jinnegozjaw f'isem il-membri tagħhom. Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni ta' din il-kapaċità ta' negozjar fl-2006 meta twaqqaf djalogu soċjali fis-settur tal-isptarijiet. L-istudju dwar ir-rappreżentanza jgħid li l-EPSU għandha mandat li tinnegozja dwar oqsma li jikkonċernaw id-djalogu soċjali Ewropew skont il-kostituzzjoni tagħha. Il-HOSPEEM ukoll għandha mandat li tinnegozja f'isem il-membri tagħha f'oqsma li jikkonċernaw id-djalogu soċjali Ewropew.

Bħala konklużjoni, min jiffirma l-ftehim għandu biżżejjed rappreżentanza fir-rigward tal-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa in ġenerali u tal-ħaddiema li jistgħu jkunu koperti minnu. Għalhekk il-kundizzjonijiet għar-rappreżentanza ta' min jiffirma għandhom jintlaħqu.

*3.2.2. Legalità tal-klawżoli tal-Ftehim*

Il-Kummissjoni għarblet il-klawżoli kollha fil-Ftehim u ma sabet l-ebda wieħed li jmur kontra l-liġi tal-Komunità.

L-aktar parti essenzjali tal-Ftehim hija inkluża fl-ambitu tal-Artikolu 137(1)(a) tat-Trattat tal-KE (titjib fl-ambjent tax-xogħol għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema).

Il-Ftehim jinkludi klawżola ta' 'standards minimi', li tgħid li l-Ftehim ma jippreġudikax dispożizzjonijiet nazzjonali u Komunitarji eżistenti jew li jista' jkun hemm fil-futur li huma aktar favur il-ħarsien tal-ħaddiema kontra korrimenti kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu (Klawżola 11).

Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-Ftehim jilħaq il-kundizzjoni ta' legalità.

*3.2.3. Dispożizzjonijiet dwar intrapriżi ta' daqs żgħir u medju*

Skont l-Artikolu 137(2) tat-Trattat tal-KE, Direttivi bħal dawn għandhom jevitaw li jdaħħlu rabtiet amministrattivi finanzjarji u ġuridiċi li jistgħu jxekklu l-ħolqien u l-iżvilupp ta' impriżi żgħar u medji'.

Għalkemm ma hemmx klawżoli speċifiċi fil-Ftehim li jistabbilixxu arranġamenti speċifiċi għall-SMEs, l-ebda klawżola ma tidher li qed timponi piżijiet mhux xierqa fuq l-SMEs.

## 3.3. Sussidjarjetà u proporzjonalità

L-għan ta' din il-proposta huwa li jintlaħaq l-aktar ambjent tax-xogħol sikur li jista' jkun hemm billi jkun hemm prevenzjoni kontra korrimenti fuq il-ħaddiema kkawżati minn oġġetti mediċi li jaqtgħu (inklużi labar) u li l-ħaddiema f'riskju li jaħdmu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa fuq livell Ewropew jiġu mħarsa. Għalhekk, l-azzjoni li tittieħed mill-Istati Membri biss mhijiex biżżejjed biex jintlaħaq livell minimu ta' ħarsien kontra oġġetti mediċi li jaqtgħu fl-UE kollha li għalhekk tista' tintlaħaq permezz ta' azzjoni fuq livell komunitarju. Kemm l-imsieħba soċjali Ewropej u l-Kummissjoni huma konvinti dwar il-ħtieġa għal azzjoni mill-Komunità f'dan il-qasam.

Il-fatt li dispożizzjonijiet sostantivi tal-Ftehim inklużi fil-proposta ġew abbozzati mir-rappreżentanti leġittimi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem fuq livell tal-UE (jiġifieri dawk l-aktar konċernati mill-miżuri differenti konċernati) huwa garanzija oħra ta' rispett lejn il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

Fir-rigward tal-proporzjonalità, il-proposta tmur lil hinn milli meħtieġ biex tiżgura li l-għanijiet jiġu milħuqa. L-Istati Membri u l-Komunità għandhom ammont ta' libertà biex iżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet li huma aktar favur il-ħarsien tal-ħaddiema kontra korrimenti ikkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu (Klawżola 11). Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-Ftehim ġie msejjaħ Ftehim 'Kwadru'.

Il-proposta, li qed issir fuq il-livell xieraq u li ma tmurx lil hinn milli meħtieġ biex tiżgura li l-għanijiet tal-UE jiġu milħuqa, għalhekk hija konformi mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

### 3.4. Għażla ta' għodda

It-terminu 'Deċiżjoni tal-Kunsill' fl-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE għandu jiġi mifhum fis-sinifikat ġenerali tiegħu bħala li jirreferi għall-istrumenti li jorbtu legalment kif stabbilit fl-Artikolu 249 tat-Trattat KE. Hija l-Kummissjoni li għandha tiddeċiedi u tipproponi liema mit-tliet għodod (direttiva, regolament jew deċiżjoni) hija l-aktar xierqa. L-għan tal-Ftehim huwa li jistabbilixxi rekwiżiti minimi li, skont it-tip ta' Ftehim u dak inkluż fih, jiġu applikati indirettament bl-aħjar mod permezz ta' dispożizzjonijiet li għandhom jiġu trasposti f'liġi nazzjonali mill-Istati Membri u/jew mill-imsieħba soċjali. L-aħjar għodda li għandha tintuża għalhekk hija direttiva tal-Kunsill li magħha hemm anness il-Ftehim.

### 3.5. Tabella ta' korrelazzjoni

L-Istati Membri huma mitluba jibagħtu lill-Kummissjoni t-test ta' dispożizzjonijiet nazzjonali trasposti fid-direttiva, flimkien ma' tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u d-Direttiva.

### 3.6. Żona Ekonomika Ewropea

Minħabba li l-Ftehim huwa rilevanti għaż-Żona Ekonomika Ewropea, id-Direttiva għandha tkun applikabbli għall-Istati taż-Żona Ekonomika Ewropea li mhumiex membri tal-UE, skont deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

## 5. SPJEGAZZJONI FID-DETTAL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI

### 5.1. Test tad-Direttiva

*Artikolu 1*

Dan l-Artikolu għandu jorbot legalment il-Ftehim bejn l-imsieħba soċjali, li huwa ppreżentat bħala anness mad-Direttiva, fl-Unjoni Ewropea kollha, għax dan huwa l-għan tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet skont l-Artikolu 139(2) tat-Trattat tal-KE.

*Artikolu 2*

L-Artikolu propost huwa l-Artikolu standard relatat mal-pieni. Huwa mistenni li jikkontribwixxi sostanzjalment għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim.

*Artikoli 3, 4 u 5*

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet tas-soltu dwar it-trapożizzjoni fil-liġijiet tal-Istati Membri u fid-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-possibbiltà ta' traspożizzjoni permezz ta' ftehim kollettiv.

## 5.2. Test tal-Ftehim fl-Anness tad-Direttiva

*Klawżola 1: Għan*

Din il-Klawżola tistabbilixxi l-objettiv ġenerali tal-Ftehim (biex jintlaħaq l-aktar ambjent ta' xogħol sikur billi jkun hemm provenzjoni kontra korrimenti lill-ħaddiema kkawżati mill-istrumenti mediċi li jaqtgħu kollha, inklużi l-labar, u biex jipproteġi dawk il-ħaddiema li huma f'riskju). Għalhekk, il-Ftehim joffri approċċ integrat, jistabbilixxi politiki dwar l-evalwazzjoni tar-riskju, prevenzjoni kontra r-riskju, taħriġ, informazzjoni, joħloq kuxjenza u joffri monitoraġġ, u joffri proċeduri ta' rispons u biex ikun hemm proċeduri ta' segwitu.

*Klawżola 2: Ambitu*

Din il-Klawżola tagħmilha ċara li l-Ftehim japplika għall-ħaddiema kollha fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa u għal dawk kollha li għandhom f'idejhom l-awtorità maniġerjali u s-superviżjoni tal-impjegati.

*Klawżola 3: Definizzjonijiet*

Il-Ftehim jagħmel użu minn diversi termini: ħaddiema, postijiet tax-xogħol, min iħaddem, strumenti li jaqtgħu, ġerarkija ta' miżuri, miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni, rappreżentanti tal-ħaddiema, rappreżentanti u sottokuntratturi għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Il-Klawżola 3 tistabbilixxi s-sinifikati ta' dawn it-termini għall-għan ta' dan il-Ftehim.

*Klawżola 4: Prinċipji*

Din il-Klawżola tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu osservati meta jiġu attwati skont il-Ftehim.

Il-Paragrafu 1 jagħmel enfasi fuq ir-rwol vitali ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa li jkunu mħarrġa, bir-riżorsi meħtieġa u sikuri biex jipprevjenu r-riskji. Jgħid ukoll li l-prevenzjoni kontra l-espożizzjoni għar-riskju hija l-aħjar strateġija biex jiġi eliminat u minimizzat ir-riskju ta' korrimenti u infezzjonijiet.

Il-Paragrafu 2 jikkonċerna r-rwol ta' rappreżentanti ta' saħħa u sigurtà fis-settur tal-prevenzjoni kontra r-riskju u l-ħarsien tal-individwi.

Il-Paragrafu 3 jistabbilixxi d-dover li għandu min iħaddem biex jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull aspett b'rabta max-xogħol.

Il-Paragrafu 4 jisħaq li hija r-responsabbiltà ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb is-sigurtà tiegħu u dik ta' persuni oħra li huma affettwati mill-imġiba tiegħu fuq il-post tax-xogħol.

Il-Paragrafu 5 jittratta l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom fl-iżvilupp ta' politika u prattika dwar is-saħħa u s-sigurtà.

Il-Paragrafu 6 jispjega li l-prinċipju tal-miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni qatt ma għandu jassumi li ma jeżisti l-ebda riskju. Jagħmel enfasi fuq il-ġerarkija ta' miżuri għall-ħarsien tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema kif stabbilit fid-Direttiva rilevanti tal-Komunità, jiġifieri biex jiġu evitati riskji, biex issir evalwazzjoni tar-riskji l-oħra li ma jistgħux jiġu evitati, biex ir-riskji jiġu mwaqqfin mill-ewwel u biex ir-riskji jiġu mnaqqsin għal livell minimu.

Il-Paragrafu 7 jikkonċerna l-kollaborazzjoni bejn min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema bil-ħsieb li r-riskju jiġi eliminat jew ikun hemm prevenzjoni kontrieh, biex ikunu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u biex jinħoloq ambjent ta' xogħol sikur.

Il-Paragrafu 8 jirrikonoxxi l-ħtieġa għal azzjoni li tinvolvi informazzjoni u konsultazzjoni bi qbil mal-liġi nazzjonali u/jew mal-ftehim kollettiv.

Il-Paragrafu 9 jittratta kemm huma effettivi l-miżuri li jsiru biex joħolqu kuxjenza dwar dan.

Il-Paragrafu 10 jinsisti dwar l-importanza ta' diversi miżuri flimkien biex jintlaħaq l-aktar ambjent ta' xogħol sikur li jista' jkun hemm.

Il-Paragrafu 11 jgħid li proċeduri biex isir rapport dwar inċidenti għandhom jiffukaw fuq fatturi sistematiċi aktar milli żbalji individwali u li għandhom jitqiesu bħala proċedura aċċettata dawk ir-rapporti li jsiru b'mod sistematiku.

*Klawżola 5: Evalwazzjoni tar-riskju*

Il-Paragrafu 1 jgħid li proċeduri ta' evalwazzjoni tar-riskju għandhom isiru skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttivi 2000/54/KE u 89/391/KEE.

Il-Paragrafu 2 jistipula dak li għandu jiġi inkluż fl-evalwazzjoni tar-riskju u jispeċifika sitwazzjonijiet b'ċans għoli ta' riskju li għandhom jiġu inklużi f'din l-evalwazzjoni.

Il-Paragrafu 3 jsemmi l-fatturi kollha li għandhom jiġu kkunsidrati f'evalwazzjoni tar-riskju bil-ħsieb li jiġi identifikat kif persuna ma tibqax tkun esposta għar-riskju u jiġu kkunsidrati sistemi alternattivi possibli.

*Klawżola 6: Eliminazzjoni, prevenzjoni u ħarsien*

Il-Paragrafi 1 u 2 isemmu ħafna miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi eliminat ir-riskju ta' korrimenti bi strument li jaqta' u/jew infezzjoni u biex jiġi mnaqqas ir-riskju li persuna tkun esposta għar-riskju.

Il-Paragrafu 3 u 4 jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn hemm riskju kontra s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema minħabba li jkunu esposti għal aġenti bijoloġiċi li għalihom jeżistu vaċċini effettivi. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-ħaddiema għandhom jingħataw it-tilqim, li għandu jsir skont il-liġi/il-prassi nazzjonali. Barra minn hekk, il-ħaddiema għandha tingħatalhom informazzjoni dwar il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tat-tilqim u jekk ma jiħdux it-tilqim. It-tilqim għandu jkun bla ħlas.

*Klawżola 7: Informazzjoni u sensibilizzazzjoni*

Peress li strumenti mediċi li jaqtgħu huma meqjusa bħala tagħmir ta' xogħol skont id-Direttiva 89/655/KEE, din il-Klawżola tistabbilixxi ħafna miżuri ta' informazzjoni u ħolqien ta' sensibilizzazzjoni li għandhom jittieħdu minn min iħaddem, flimkien mal-provvista ta' informazzjoni u struzzjonijiet miktuba skont l-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva.

*Klawżola 8: Taħriġ*

Din il-Klawżola tistipula li l-ħaddiema għandu jingħatalhom taħriġ dwar ċerti politiki u proċeduri marbuta ma' korrimenti ikkawżati minn strumenti li jaqtgħu, inklużi dawk imniżżla.

Dan it-taħriġ għandu jsir flimkien ma' miżuri stabbiliti fl-Artikolu 9 ('Informazzjoni u taħriġ tal-ħaddiema') tad-Direttiva 2000/54/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.

Il-Klawżola timponi wkoll obbligi varji fuq min iħaddem fir-rigward tat-taħriġ u tistipula li t-taħriġ huwa obbligatorju għall-ħaddiema.

*Klawżola 9: Rappurtaġġ*

Il-Paragrafu 1 jistipula li l-proċeduri eżistenti għal rappurtaġġ ta' inċidenti li jinkludu korrimenti għandhom jiġu addattati u għandhom jiġu riveduti flimkien ma' rappreżentanti għas-saħħa u s-sigurtà u/jew rappreżentanti xierqa ta' min iħaddem u tal-ħaddiema. Proċeduri ta' rappurtaġġ għandhom jinkludu dettalji tekniċi bl-għan li l-ġbir ta' informazzjoni dwar dan it-tip ta' dannu (li mhux tingħatalu biżżejjed importanza) jitjieb fuq livell lokali, nazzjonali u Ewropew.

Il-Paragrafu 2 jimponi obbligu fuq il-ħaddiema biex jirrapportaw xi aċċident jew inċident li jinvolvi strumenti mediċi immedjatament.

*Klawżola 10: Rispons u Proċeduri ta' segwitu*

Din il-Klawżola tittratta politiki u proċeduri li għandhom jittieħdu f'każ ta' korriment minn strument li jaqta'. B'mod speċjali, din tispeċifika numru ta' miżuri li għandhom jittieħdu, bħall-provvista ta' profilassi wara l-espożizzjoni u t-testijiet mediċi meħtieġa, sorveljanza addattata ta' saħħa, ir-riċerka tal-kawżi u ċ-ċirkustanzi tal-aċċident, ir-reġistrazzjoni tal-aċċident u l-pariri li ngħataw lill-ħaddiema.

Din tgħid li l-kunfidenzjalità dwar il-korriment, id-dijanjosi u l-kura għandhom jiġu rispettati.

*Klawżola 11: Implimentazzjoni*

Din il-Klawżola tistabbilixxi numru ta' dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Hija tistabbilixxi klawżola ta' 'standards minimi' li tgħid li l-Ftehim huwa bla ħsara għal dispożizzjonijiet nazzjonali u Komunitarji eżistenti jew li jistgħu jsiru fil-futur li huma aktar favur il-ħarsien tal-ħaddiema kontra korrimenti kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu.

Hija tgħid li l-Kummissjoni tista' tirreferi l-interpretazzjoni tal-Ftehim lill-partijiet li ffirmaw il-Ftehim, biex dawn jagħtu l-opinjoni tagħhom bla ħsara għar-rwoli tal-Kummissjoni, il-qrati nazzjonali u l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li timplimenta l-Ftehim Kwadru għall-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa li ġie konkluż mill-HOSPEEM u l-EPSU**

**(test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod speċjali l-Artikolu 139(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[18],

Billi:

(1) L-imsieħba soċjali jistgħu, skont l-Artikolu 139(2) tat-Trattat, jagħmlu rikjesta flimkien biex il-ftehim li ġie konkluż bejniethom fuq livell Komunitarju dwar temi inklużi fl-Artikolu 137 tat-Trattat jiġi implimentat minn deċiżjoni tal-Kunsill dwar proposta mill-Kummissjoni.

(2) Permezz ta' ittra tas-17 ta' Novembru 2008, l-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali Ewropej, il-HOSPEEM (Assoċjazzjoni għall-Impjegati Ewropej fl-Isptarijiet u fil-Kura tas-Saħħa, organizzazzjoni settorjali li tirrappreżenta l-ħaddiema) u l-EPSU (Federazzjoni Ewropea għall-Unjins tas-Servizz Pubbliku, organizzazzjoni ta' trejdunjin Ewropea) infurmaw lill-Kummissjoni dwar ix-xewqa tagħhom li jkunu inklużi fin-negozjati skont l-Artikolu 138(4) u l-Artikolu 139 tat-Trattat bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim Kwadru dwar il-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa.

(3) Fis-17 ta' Lulju 2009 l-imsieħba soċjali Ewropej iffirmaw it-test tal-Ftehim Kwadru dwar il-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa.

(4) Peress li l-għanijiet tal-azzjoni li għandha tittieħed, jiġifieri biex jintlaħaq l-aktar ambjent ta' xogħol sikur billi jkun hemm prevenzjoni kontra korrimenti fuq il-ħaddiema kkawżati minn oġġetti mediċi li jaqtgħu (inklużi labar) u billi jħarsu l-ħaddiema f'riskju li jaħdmu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa, ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit

[18] ĠU C, p.

f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(5) Meta ġiet abbozzata l-proposta għal Direttiva, il-Kummissjoni kkunsidrat ir-rappreżentanza tal-partijiet li kellhom jiffirmaw, wara li kkunsidrat l-għan tal-Ftehim, għall-isptarijiet u għas-settur tal-kura tas-saħħa, il-mandat tagħhom u l-legalità tal-klawżoli fil-Ftehim Kwadru u l-konformità tiegħu mad-dispożizzjonijiet rilevanti dwar intrapriżi ta' daqs żgħir u medju.

(6) Il-Kummissjoni infurmat lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-proposta tagħha.

(7) L-għan tal-Ftehim Kwadru kif stabbilit fil-Klawżola 1 tiegħu huwa biex jintlaħaq aħjar wieħed mill-għanijiet tal-politika soċjali, jiġifieri t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

(8) Il-Klawżola 11 tippermetti lill-Istati Membri u l-Komunità li jżommu u jintroduċu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-ħarsien tal-ħaddiema minn korrimenti kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu.

(9) L-Istati Membri għandhom jagħtu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi f'każ li jinkisru xi obbligi inklużi f'din id-Direttiva.

(10) L-Istati Membri jistgħu jgħabbu bir-responsabbiltà lill-imsieħba soċjali, fuq talba konġunta tagħhom, bl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, sakemm jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li f'kull ħin jiggarantixxu r-riżultati imposti minn din id-Direttiva,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Din id-Direttiva timplimenta l-Ftehim Kwadru dwar il-prevenzjoni kontra korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa ffirmat mill-imsieħba soċjali Ewropej, il-HOSPEEM u l-EPSU fis-17 ta' Lulju 2009, kif stabbilit fl-Anness.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli f'każ li jinkisru d-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali applikabbli għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard mid-data speċifikata fl-Artikolu 3 u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva jew għandhom jiżguraw li

l-imsieħba soċjali jkunu introduċew il-miżuri meħtieġa permezz ta' ftehim mhux aktar tard minn [sentejn wara li jiġi adottat]. Huma għandhom imbagħad jikkomunikaw mal-Kummissjoni t-test għal dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza meta dawn id-dispożizzjonijiet jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri jista' jkollhom perjodu massimu addizzjonali ta' sena biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva, fejn din hija meħtieġa biex jiġu kkunsidrati xi diffikultajiet partikolari jew f'każ li l-implimentazzjoni ssir permezz ta' ftehim kollettiv. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan sa mhux aktar tard minn [żmien meta għandha tagħlaq l-implimentazzjoni], filwaqt li jistqarru liema huma r-raġunijiet għala huwa meħtieġ perjodu addizzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali ta' liġi nazzjonali li huma għandhom jadottaw fl-ambitu kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ għoxrin ġurnata wara li hija tiġi ppubblikata f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, […]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*

# ANNESS

## FTEHIM KWADRU

## DWAR IL-PREVENZJONI KONTRA KORRIMENTI KKAWŻATI MINN OĠĠETTI LI JAQTGĦU FL-ISPTARIJIET U FIS-SETTUR TAL-KURA TAS-SAĦĦA

**Preambolu:**

1. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma fattur li għandu jkun importanti għal kull min għandu rabta mal-isptarijiet u l-qasam tal-kura tas-saħħa. Jekk tittieħed azzjoni għall-prevenzjoni kontra korrimenti li jistgħu jiġu evitati jekk din il-prevenzjoni ssir sew, dan għandu jkollu effetti pożittiv fuq ir-riżorsi;

2. Is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema huma importanti ħafna u għandhom rabta mill-qrib mas-saħħa tal-pazjenti. Dawn isaħħu l-kwalità ta' kura li tingħata;

3. Il-proċess biex titfassal il-politika u l-implimentazzjoni b'rabta ma' strumenti mediċi li jaqtgħu għandu jirriżulta mid-djalogu soċjali;

4. Il-HOSPEEM (*Assoċjazzjoni għall-Impjegati Ewropej fl-Isptarijiet u fis-settur tall-Kura tas-Saħħa*) u l-EPSU (*Federazzjoni Ewropea għall-Unjins tas-Servizz Pubbliku)*, l-imsieħba soċjali Ewropej rikonoxxuti fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa, qablu fuq dan li ġej:

**Kunsiderazzjonijiet Ġenerali:**

1. Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod speċjali l-Artikoli 138 u 139 (2) tiegħu;

2. Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol[19];

3. Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 li tirrigwarda l-ħtiġijiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa fl-użu tat-tagħmir tax-xogħol mill-ħaddiema fuq ix-xogħol [20];

4. Wara li kkunsidraw id-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol[21];

5. Wara li kkunsidraw l-istrateġija tal-Komunità għas-snin 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol[22];

6. Wara li kkunsidraw id-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fil-Komunità Ewropea[23];

---

[19] ĠU L 183, 29.6.1989. p. 1.
[20] ĠU L 393, 30.12.1990, p. 13.
[21] ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.
[22] COM(2007) 62 finali, 21.2.2007.

7. Wara li kkunsidraw ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2006 dwar il-ħarsien ta' persuni Ewropej li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa minn infezzjonijiet fid-demm minħabba korrimenti mil-labar (2006/2015(INI));

8. Wara li kkunsidraw l-ewwel u t-tieni stadju ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-ħarsien ta' persuni Ewropej li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa minn infezzjonijiet fid-demm minħabba korrimenti mil-labar;

9. Wara li kkunsidraw ir-riżultati tas-seminar tekniku tal-EPSU-HOSPEEM dwar korrimenti mil-labar tas-7 ta' Frar 2008;

10. Wara li kkunsidraw il-ġerarkija ta' prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE kif ukoll il-miżuri ta' prevenzjoni definiti fl-Artikoli 3, 5 u 6 tad-Direttiva 2000/54/KE;

11. Wara li kkunsidraw il-linji gwida konġunti tal-ILO/WHO dwar is-servizzi tas-saħħa u l-HIV/AIDS u l-linji gwida konġunti tal-ILO/WHO dwar profilassi wara l-espożizzjoni biex ikun hemm prevenzjoni kontra l-infezzjoni HIV;

12. B'rispett sħiħ lejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-ftehim kollettiv eżistenti;

13. Billi jeħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġi evalwat kemm hija l-inċidenza ta' korrimenti kkawżati minn oġġetti li jaqtgħu fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa, l-evidenza xjentifika turi li miżuri preventivi u ta' ħarsien jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti l-okkorrenza ta' aċċidenti u infezzjonijiet;

14. Billi proċess sħiħ ta' evalwazzjoni tar-riskju huwa kundizzjoni minn qabel biex tittieħed azzjoni xierqa bħala prevenzjoni kontra korrimenti u infezzjonijiet;

15. Billi min iħaddem, u r-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jeħtieġu jikkoperaw għall-prevenzjoni u ħarsien tal-ħaddiema kontra korrimenti u infezzjonijiet ikkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu;

16. Billi persuni li jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa huma primarjament iżda mhux biss imħassba dwar korrimenti kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu;

17. Billi studenti li qed jieħdu taħriġ kliniku, bħala parti mill-edukazzjoni tagħhom, mhumiex ikkunsidrati bħala ħaddiema skont dan il-ftehim, huma għandhom ikunu koperti minn miżuri ta' prevenzjoni u ħarsien kif spjegat f'dan il-ftehim, fejn ir-responsabbiltajiet għandhom jiġu regolati skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali;

**Klawżola 1: Għan**

L-għan ta' dan il-Ftehim Kwadru huwa:

- Biex jintlaħaq l-aktar ambjent ta' xogħol sikur li jista' jkun hemm;
- Il-prevenzjoni kontra korrimenti fuq il-ħaddiema kkawżati mill-istrumenti mediċi li jaqtgħu kollha (inklużi labar);

[23] ĠU L 80, 23.3.2002, pp. 29–34.

- Il-ħarsien ta' ħaddiema f'riskju;
- Biex jiġi stabbilit approċċ integrat li jistabbilixxi politiki dwar evalwazzjoni tar-riskju, prevenzjoni kontra r-riskju, taħriġ, informazzjoni, ħolqien ta' kuxjenza u monitoraġġ;
- Biex jitwettqu proċeduri ta' rispons u ta' segwitu;

**Klawżola 2: Ambitu**

Dan il-ftehim japplika għall-ħaddiema kollha fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa, u dawk kollha li għandhom l-awtorità maniġerjali u s-superviżjoni tal-impjegati. L-impjegati għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li s-sottokuntratturi jsegwu d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan il-ftehim.

**Klawżola 3: Definizzjonijiet**

Skont is-sinifikat ta' dan il-ftehim:

1. Ħaddiema: kull persuna impjegata minn min iħaddem li tinkludi persuni li qed jagħmlu taħriġ u apprendisti fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa li joffru servizzi u attivitajiet relatati direttament magħhom. Ħaddiema li huma impjegati fi skema ta' xogħol temporanju skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KE li tinkludi l-miżuri biex jiġi inkoraġġit titjib fis-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol għal ħaddiema f'relazzjoni ta' impjieg għal perjodu fiss f'relazzjoni ta' impjieg għal perjodu temporanju[24] jaqgħu fl-ambitu ta' dan il-ftehim.

2. Postijiet tax-xogħol koperti: organizzazzjonijiet/servizzi tal-kura tas-saħħa fis-settur pubbiku u privat, u kull post ieħor fejn isiru u jingħataw servizzi/attivitajiet marbutin mas-saħħa, taħt l-awtorità maniġerjali u s-superviżjoni ta' min iħaddem.

3. Min iħaddem: persuni/organizzazzjonijiet naturali/legali li jkollhom relazzjoni ta' impjieg mal-ħaddiema. Dawn huma responsabbli għall-ġestjoni, l-organizzazzjoni u l-provvista ta' kura tas-saħħa u servizzi/attivitajiet marbutin mas-saħħa li jingħataw mill-ħaddiema.

4. Strumenti li jaqtgħu: oġġetti jew strumenti meħtieġa biex jintużaw f'attivitajiet speċifiċi ta' kura tas-saħħa, li jistgħu jaqtgħu, iniggżu, jikkawżaw korrimenti u/jew infezzjonijiet. L-istrumenti li jaqtgħu huma kkunsidrati bħala tagħmir ta' xogħol skont id-Direttiva 89/655/KEE dwar tagħmir ta' xogħol.

5. Ġerarkija ta' miżuri: definita skont l-effettività biex jiġu evitati, eliminati u mnaqqsin riskji kif definiti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/391/KEE u l-Artikoli 3, 5 u 6 tad-Direttiva 2000/54/KE.

6. Miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni: miżuri li ttieħdu biex ikun hemm prevenzjoni kontra korrimenti u/jew biex ma tiġix trażmessa xi infezzjoni meta fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa jingħataw servizzi u jsir xogħol relatati magħhom, inkluż l-użu tal-aktar tagħmir sikur meħtieġ, skont l-evalwazzjoni tar-riskju u metodi sikuri ta' użu ta' strumenti mediċi li jaqtgħu.

[24] ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

7. Rappreżentanti tal-ħaddiema: kull persuna eletta, magħżula jew innominata skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali biex tirrappreżenta l-ħaddiema.

8. Rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema definiti skont l-Artikolu 3(c) tad-Direttiva 89/391/KEE bħala kull persuna eletta, magħżula jew innominata skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali biex tirrappreżenta l-ħaddiema fejn jistgħu jinqalgħu problemi relatati mas-sigurtà u l-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

9. Sottokuntrattur: kull persuna li taġixxi fl-isptarijiet u fis-settur tal-kura tas-saħħa li tagħmel servizzi u xogħol relatati magħhom fil-qafas tar-relazzjonijiet ta' xogħol kontrattwali stabbiliti ma' min iħaddem.

**Klawżola 4: Prinċipji**

1. Il-ħaddiema fis-settur tas-saħħa li jkunu mħarrġa, bir-riżorsi meħtieġa u sikuri huma essenzjali biex jipprevjenu r-riskji ta' korrimenti u infezzjonijiet minn strumenti mediċi li jaqtgħu. Il-prevenzjoni kontra l-espożizzjoni għar-riskju hija l-aħjar strateġija biex jiġi eliminat u minimizzat ir-riskju ta' korrimenti u infezzjonijiet.

2. Ir-rwol ta' rappreżentanti ta' saħħa u sigurtà huwa fundamentali fis-settur tal-prevenzjoni kontra r-riskju u l-ħarsien tal-individwi.

3. Min iħaddem għandu dover jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspett marbut max-xogħol, inklużi l-fatturi psikosoċjali u l-organizzazzjoni tax-xogħol.

4. Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb – sa fejn ikun possibli – is-sigurtà u s-saħħa tiegħu dawk ta' persuni oħra li huma affettwati mill-imġiba tiegħu fuq il-post tax-xogħol, skont it-taħriġ tagħhom u l-istruzzjonijiet li jingħatawlhom minn min iħaddimhom.

5. Min iħaddem għandu jiżviluppa ambjent fejn il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom ikunu qed jieħdu sehem fl-iżvilupp ta' politika u prattika dwar is-saħħa u s-sigurtà.

6. Il-prinċipju tal-miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni indikat fil-Klawżoli 5 - 10 ta' dan il-Ftehim ifisser li qatt ħadd ma għandu jassumi li ma jeżisti l-ebda riskju. Il-ġerarkija ta' prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/391/KEE u l-Artikoli 3, 5 u 6 tad-Direttiva 2000/54/KE hija applikabbli.

7. Min iħaddem u r-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jaħdmu flimkien bl-aktar mod xieraq bil-ħsieb li r-riskju jiġi eliminat jew ikun hemm prevenzjoni kontrieh, biex ikunu mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u biex jinħoloq ambjent ta' xogħol sikur, u dan għandu jinkludi konsultazzjoni dwar l-għażla u l-użu ta' tagħmir sikur li jidentifika kif l-aħjar li jsir it-taħriġ, l-informazzjoni u l-ħolqien ta' proċessi ta' sensibilizzazzjoni.

8. Tinħass il-ħtieġa għal azzjoni li tinvolvi informazzjoni u konsultazzjoni, bi qbil mal-liġi nazzjonali u/jew mal-ftehim kollettiv.

9. L-effettività tal-ħolqien ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni tinkludi obbligi li jinqasmu bejn min iħaddem, il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom.

10. Biex jintlaħaq l-aktar ambjent ta' xogħol sikur li jista' jkun hemm huwa essenzjali li jkun hemm ippjanar, ħolqien ta' sensibilizzazzjoni, informazzjoni, taħriġ, kif ukoll miżuri ta' prevenzjoni u monitoraġġ.

11. Issir promozzjoni ta' kultura ta' "bla tort". Proċeduri biex isir rapport dwar inċidenti għandhom jiffukaw fuq fatturi sistematiċi aktar milli żbalji individwali. Rapporti li jsiru b'mod sistematiku għandhom jitqiesu bħala proċedura aċċettata.

**Klawżola 5: Evalwazzjoni tar-Riskju**

1. Il-proċeduri ta' evalwazzjoni tar-riskju għandhom isiru skont l-Artikoli 3 u 6 tad-Direttiva 2000/54/KE, u l-Artikoli 6 u 9 tad-Direttiva /89/391/KEE.

2. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tinkludi kif jiġi determinat il-fattur tal-espożizzjoni għar-riskju, tiġi mifhuma l-importanza ta' ambjent ta' xogħol li jkollu riżorsi u jkun organizzat tajjeb u għandu jkopri s-sitwazzjonijiet kollha fejn hemm korrimenti, demm jew materjal li għandu ċans kbir li jkun infettiv.

3. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tikkunsidra t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-livell ta' kwalifiki, fatturi psikosoċjali li għandhom rabta max-xogħol u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol. Dan għandu:

- Jidentifika kif tista' tiġi eliminata l-espożizzjoni għar-riskju;
- Jikkunsidra sistemi alternattivi li jista' jkun hemm;

**Klawżola 6: Eliminazzjoni, prevenzjoni u ħarsien**

1. Fejn ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju juru li hemm riskju ta' korrimenti bi strumenti li jaqtgħu u/jew infezzjoni, l-espożizzjoni tal-ħaddiema għandha tiġi eliminata billi jittieħdu l-miżuri li ġejjin, bla ħsara għall-ordni ta' kif ġew ippreżentati:

- Jiġu speċifikati u implimentati proċeduri ta' sigurtà għall-użu ta' strumenti mediċi li jaqtgħu u skart kontaminat. Dawn il-proċeduri għandha ssirilhom evalwazzjoni kontinwa u għandhom ikunu parti integrali mill-miżuri għall-informazzjoni u t-taħriġ li għandu jingħata lill-ħaddiema kif hemm referenza fil-klawżola 8;
- Jiġi eliminat l-użu mhux meħtieġ ta' strumenti li jaqtgħu billi jiġu implimentati bidliet fil-prattika u skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju, jiġi provdut tagħmir mediku li jkun jinkludi mekkaniżmi ta' protezzjoni maħsuba għas-sigurtà tal-persuna;
- Il-proċess li jerġa' jkun hemm espożizzjoni għandu jiġi mneħħi b'effett immedjat;

2. Wara li kkunsidraw l-attività u l-evalwazzjoni tar-riskju, ir-riskju ta' espożizzjoni għandu jiġi mnaqqas għal livell tant baxx daqs kemm meħtieġ sabiex is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema konċernati jkunu mħarsa bl-aħjar mod. Il-miżuri li ġejjin għandhom jiġu applikati fid-dawl tar-riżultati tal-evalwazzjoni tar-riskju:

- Il-proċeduri għal rimi aktar effettiv u l-kontenituri li jkunu mmarkati b'mod ċar u teknikament sikuri għal strumenti li jaqtgħu u tagħmir ta' injezzjoni li jintremew wara l-użu għandhom jitpoġġew kemm jista' jkun qrib iż-żoni evalwati fejn strumenti li jaqtgħu jkunu qed jintużaw jew fejn jistgħu ikunu;

- Ikun hemm prevenzjoni kontra r-riskju ta' infezzjonijiet billi jiġu implimentati sistemi sikuri ta' xogħol, billi:

a. Tiġi żviluppata politika ġenerali koerenti ta' prevenzjoni li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-fatturi psikosoċjali marbuta max-xogħol u l-influwenza ta' fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol;

b. Jingħata taħriġ;

c. Isiru proċeduri ta' sorveljanza ta' saħħa, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2000/54/KE;

- Isir użu ta' tagħmir personali ta' protezzjoni;

3. Jekk l-evalwazzjoni li hemm referenza għaliha fil-klawżola 5 turi li s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema jinsabu f'riskju minħabba li huma esposti għal aġenti bijoloġiċi li għalihom jeżisti tilqim effettiv, il-ħaddiema għandhom jitlaqqmu.

4. Għandu jingħata tilqim u, jekk ikun meħtieġ, din għandha terġa' tingħata skont il-liġi u/jew il-prattika nazzjonali, u jiġi determinat it-tip ta' vaċċin li ntuża.

- Il-ħaddiema għandhom ikunu infurmati dwar il-benefiċċji u l-iżvantaġġi tat-tilqim u jekk ma jitlaqqmux;

- It-tilqim għandu jkun bla ħlas għall-ħaddiema u l-istudenti kollha li jagħmlu xi xogħol marbut mal-kura tas-saħħa u xogħol ieħor marbut ma' dan fuq il-post tax-xogħol tagħhom;

**Klawżola 7: Informazzjoni u ħolqien ta' sensibilizzazzjoni**

Billi l-istrumenti li jaqtgħu jitqiesu bħala tagħmir ta' xogħol skont id-Direttiva 89/655/KE, barra minn informazzjoni u struzzjonijiet bil-miktub li għandhom jingħataw lill-ħaddiema kif spjegat fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 89/655/KE, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa li ġejjin:

- Jagħmel enfasi fuq ir-riskji differenti;

- Jagħti pariri dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti;

- Jippromwovi prattiki tajbin b'rabta mal-prevenzjoni u r-reġistrazzjoni ta' inċidenti/aċċidenti;

- Joħloq sensibilizzazzjoni billi jiġu żviluppati attivitajiet u materjal promozzjonali bi sħab ma' trejdunjins li jirrappreżentaw lill-ħaddiema u/jew rappreżentanti tal-ħaddiema;

- Tingħata informazzjoni dwar programmi ta' għajnuna li jkunu disponibbli;

**Klawżola 8: Taħriġ**

Barra l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/54/KE, il-ħaddiema għandu jingħatalhom taħriġ dwar ċerti politiki u proċeduri marbuta ma' korrimenti kkawżati minn strumenti li jaqtgħu, inklużi:

- Użu korrett ta' tagħmir mediku li jkun jinkludi mekkaniżmi ta' protezzjoni fi strumenti li jaqtgħu;

- Induzzjoni għall-impjegati l-ġodda u dawk temporanji;

- Ir-riskju assoċjat mal-espożizzjoni għad-demm u għall-fluwidu tal-ġisem;

- Miżuri ta' prevenzjoni li jinkludu prekawzjonijiet standard, sistemi ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol, użu korrett u proċeduri ta' rimi, l-importanza tal-immunizzazzjoni, skont il-proċeduri fuq il-post tax-xogħol;

- Il-proċeduri ta' rappurtaġġ , rispons u monitoraġġ u l-importanza tagħhom;

- Il-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' korrimenti;

Min iħaddem għandu jorganizza u jipprovdi taħriġ li huwa obbligatorju għall-ħaddiema. Min iħaddem għandu jħalli l-ħaddiema liberi biex ikunu jistgħu jattendu taħriġ. Dan it-taħriġ għandu jkun disponibbli fuq bażi regolari filwaqt li jikkunsidra riżultati ta' monitoraġġ, modernizzar u titjib.

**Klawżola 9: Rappurtaġġ**

1. Dan jinkludi reviżjoni tal-proċeduri ta' rappurtaġġ adottati minn rappreżentanti għas-saħħa u s-sigurtà u/jew rappreżentanti xierqa ta' min iħaddem u tal-ħaddiema. Proċeduri ta' rappurtaġġ għandhom jinkludu sistemi lokali, nazzjonali u Ewropej.

2. Il-ħaddiema biex jirrapportaw xi aċċident jew inċident li jinvolvi strumenti li jaqtgħu immedjatament lil min iħaddem u/jew il-persuna inkarigata, u/jew il-persuna responsabbli għas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

**Klawżola 10: Rispons u Proċeduri ta' segwitu**

Għandhom jittieħdu politiki u proċeduri f'każ ta' korriment minn strument li jaqta'. Il-ħaddiema kollha għandhom ikunu konxji minn dawn il-politiki u l-proċeduri. Dawn għandhom ikunu skont il-leġiżlazzjoni u l-ftehim kollettiv fl-Ewropa, kif ukoll dawk nazzjonali/reġjonali, kif xieraq.

B'mod speċjali għandu jsir dan li ġej:

- Min iħaddem għandu jieħu miżuri immedjati biex jieħu ħsieb xi ħaddiem li jkun weġġa', inkluż il-provvista ta' profilassi wara l-espożizzjoni u t-testijiet mediċi meħtieġa fejn indikat għal raġunijiet mediċi, u sorveljanza addattata ta' saħħa skont il-Klawżola 6 §2,c

- Min iħaddem għandu jinvestiga l-kawżi u ċ-ċirkustanzi u jirreġistra l-aċċident/l-inċident, filwaqt li -fejn xieraq- jieħu l-azzjoni meħtieġa. Il-ħaddiem għandu jforni l-informazzjoni meħtieġa fil-mument opportun biex jiġu mimlija d-dettalji dwar l-aċċident jew l-inċident;

- Min iħaddem għandu, f'każ ta' korriment, jikkunsidra l-miżuri li ġejjin li jinkludu pariri lill-ħaddiema fejn xieraq u garanzija ta' kura medika. Ir-rijabilitazzjoni, il-prosegwiment tal-impjieg u l-aċċess għal kumpens għandhom ikunu skont il-ftehim jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew settorjali;

Il-kunfidenzjalità dwar il-korriment, id-dijanjosi u l-kura għandhom jiġu rispettati;

**Klawżola 11: Implimentazzjoni**

Dan il-Ftehim għandu jkun bla ħsara għal dispożizzjonijiet nazzjonali u Komunitarji eżistenti jew li jistgħu jsiru fil-futur li huma aktar favur il-ħarsien tal-ħaddiema kontra korrimenti kkawżati minn strumenti mediċi li jaqtgħu.

Il-partijiet li ffirmaw il-Ftehim qed jitolbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta dan il-Ftehim Kwadru lill-Kunsill għal deċiżjoni biex dan il-Ftehim ikun jista' jorbot lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Jekk implimentat permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill, fuq livell Ewropew u bla ħsara għar-rwol rispettiv tal-Kummissjoni, tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, tista' tiġi riferita mill-Kummissjoni lill-partijiet li qed jiffirmaw li għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom.

Il-partijiet li qed jiffirmaw għandhom jagħmlu reviżjoni tal-applikazzjoni ta' dan il-ftehim ħames snin wara d-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill jekk mitlubin jagħmlu dan minn waħda mill-partijiet tal-Ftehim.

Brussell, 17 ta' Lulju 2009

Għall-EPSU: Karen Jennings – Għall-HOSPEEM: Godfrey Perera